

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG**

(Kawża C-380/19) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2013/11/UE – Soluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim – Artikolu 13(1) u (2) – Informazzjoni obbligatorja – Aċċessibilità għall-informazzjoni)**

(2020/C 279/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

*Konvenuta:* Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 13(1) u (2) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) għandu jiġi interpretat fis-sens li negozjant, li jaqsmel aċċessibbli fuq is-sit internet tiegħu l-kundizzjonijiet ġenerali ta' kuntratti ta' bejgħ jew ta' servizz, iżda li ma jikkonkludix kuntratti mal-konsumaturi permezz ta' dan is-sit, huwa obbligat li jinkludi f'dawn il-kundizzjonijiet ġenerali l-informazzjoni relatata mal-entità jew mal-entitajiet ta' soluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim li jaqa' taħthom dan in-negozjant, meta dan tal-aħħar jimpenja ruħu li jirrikorri għal din l-entità jew għal dawn l-entitajiet jew ikun obbligat li jirrikorri għalihom sabiex isolvi t-tilwim mal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, la huwa biżżejjed li l-imsemmi negozjant jippreżenta din l-informazzjoni f'dokumenti oħra aċċessibbli fuq l-imsemmi sit jew f'tabs oħra tiegħu, u lanqas li jipprovdi l-imsemmija informazzjoni lill-konsumatur waqt il-konklużjoni tal-kuntratt suġġett għall-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali permezz ta' dokument separat minnhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 288, 26.8.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wien – l-Awstrija) – IE vs Maġistrat der Stadt Wien**

(Kawża C-477/19) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 12(1) – Sistema ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi ta' annimali – Anness IV – *Cricetus cricetus* (hamster komuni) – Postijiet ta' mistrieħ u siti ta' tgħammir – Deterjorazzjoni jew qerda – Postijiet abbandunati)**

(2020/C 279/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Wien

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: IE

Konvenuta: Maġistrat der Stadt Wien

**Dispożittiv**

L-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "postijiet ta' mistrieħ", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, jinkludi wkoll il-postijiet ta' mistrieħ li ma jkunux iktar okkupati minn waħda mill-ispeċi ta' annimali protetti li jinsabu indikati fl-Anness IV(a) tal-imsemmija direttiva, bħall-Cricetus cricetus (hamster komuni), sa fejn ikun hemm probabbiltà suffiċjentement kbira li l-imsemmija speċi tiġi lura f'dawn il-postijiet ta' mistrieħ, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

(<sup>1</sup>) ĠU C 328, 30.9.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – mk advokaten GbR vs MBK Rechtsanwälte GbR**

(Kawża C-684/19) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks – Direttiva 2008/95/KE – Artikolu 5(1) – Użu fil-kummerċ ta' sinjal identiku jew simili għal trade mark ta' ħaddieħor għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili għal dawk li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata – Portata tal-kelma "jużaw" – Reklam imqiegħed online fuq sit internet fuq ordni ta' persuna li topera fil-kummerċ u wara riprodott fuq siti internet oħra)*

(2020/C 279/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: mk advokaten GbR

Konvenuta: MBK Rechtsanwälte GbR

**Dispożittiv**

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li topera fil-kummerċ u li qiegħdet fuq sit internet reklam li jippreġudika trade mark ta' ħaddieħor ma tkunx qiegħda tuża s-sinjal identiku għal din it-trade mark meta l-operaturi ta' siti internet oħra jirriproduċu dan ir-reklam billi jqiegħduh, fuq l-inizjattiva tagħhom u f'isimhom stess, online fuq dawn is-siti l-oħra.

(<sup>1</sup>) ĠU C 413, 9.12.2019.